**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 47/18/2 AGV**

AB

vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti intavolat proceduri odjerni u effetivament ghalkemm il-partijiet ghadhom entrambi jabitaw fid-dar konjugali, dwaw liema l-partijiet prezentament jinsabu fuq konvenju ma' tezi, huma ilhom xhur jghixu hajja separata minn xulxin.

2. Illi stante li ormai m' ghad fadal l-ebda possibilita' li l-partijiet jirrikonciljaw, l-esponenti bir-rispett titlob illi ai temini tal-Kap. 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tesisti bejn il-partijiet;

3. Illi t-talba tal-esponenti bl-ebda mod ma tippregudika lill-konvenut, anzi l-esponenti tikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili u minghajr il-kunsens ta' xulxin, u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel; liema hsieb gie anka kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, deciz fit- 28 ta' Marzu 2014, fost hafna gurisprudenza ohra;

4. Illi f' dar-rigward il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi;
   *"In tema legali jinghad illi l-artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti fakolta' lil parti jew ohra li f' kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi, t-talba ghall-waqfien m' ghandiex tinghata jekk parti ser issoffru xi 'pregudizzju mhux proporzjonat'.* **In oltre' l-oneru tal-prova ta' dan ir-reksiwzit jirrispedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit et qui non eu qui negtat.***"* (Rik Gur 257/11 Daniela Mizzi v Duncan Peter Mizzi, deciza 28 ta' Marzu 2014).

5. Illi b' zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-konvenut fir-risposta guramentata tieghi u kontro-talba tieghu m'oggezzjonax ghat-talba tal-esponenti ghax-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti anzi proponilha hu stess, u ghaldaqstant, ma ghandux ghalfejn jopponi ghall-istess talba mressqa permezz tar-rikors odjern;

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett titlob lilli dina l-Onorabbli Qorti joghgboha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Art. 55 tal-Kap. 16, kif ukoll

2. Tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess Direttur.

Rat li l-intimat debitament notifikat u pprezenta r-risposta tieghu;

1. Jesponi bir-rispett llli l-esponenti huwa notifikat b' rikors sabiex tigu ordnati il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artiklu 55 tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta min dina l-Onorabbli Qorti;

2. Illi in principju l-intimat m' ghandux oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, izda ma jidhirlux illi l-waqfien ghandu jsir qabel ma jigu dikjarati u kkonfermati l-assi kollha tal-partijiet u dan sabiex hadd ma jsoffri pregudizzju.

3. Illi hemm qabel iz-zweig u anka wara z-zwieg, AB kellha l-kontroll shih tal-finanzi ta' bejniethom u kien jafda kollox maghha.

4. Illi minn meta nbdew il-proceduri ta' separazzjoni, l-esponent, kemm -il darba talabha statements bankarji kollha tul iz-zwieg taghhom kif ukoll dikjarazzjonijiet ta' ishma, stocks, beni u informazajoni ohra, dwar investimenti finanzjarji u / jew f' isem it-tnejn, izda baqa' inadempjanti.

5. Illi sal-lum ma ghandux renidkont ta' dawn l-istess assi mobbli tul zwieghom ghaliex baqgghu mistura u li sahansitra baqghu ma ssemmewx fl-affidavit ta' AB.

6. Illi huwa prudenti u opportun li fil-kaz odjern illi l-esponenti jsir jaf l-ewwel u qabel xejn, x' assi hemm fil-komunjoni tal-akkwisti qabel ma l-istess tintalab tigi xolta u dan fl-interess taz-zewg partijiet kif ukoll ghal uliedhom sabiex l-ebda minnhom ma jsoffri pregudizzju.

7. Illi sal-lum ma ghandux hjiel dwar investiment finanzjarji taghhom ftit anqas l-interessi jew dividents li jircievu minn dawn l-istess investimenti .

Ghaldaqstant, l-esponent b' kull dovut rispett jopponi ghal din it-talba f' dal-istadju, u jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thalli l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti kif inhu, sakemm l-istess statements tal-kontijiet bankarji, investimenti finanzjarji ohrajn, kif ukoll lista ta' ishma appartenjenti f' isem ir-rikorrenti jigu dikjarati u verifikati.

**Ikkunsidrat;**

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi;

1. Il-Qorti tista' f' kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda , fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mil-mizzewwgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewwgin.
2. L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-sub-artikolu (1) ghandha tinghata b' sentenza li minnha jkollha l-jedd illi tappella minghajr ma jkun hemm ebda htiega ta' permess tal-Qorti ghal dan.
3. L-ordni ta' waqfien tkun tghodd bejn il-mizzewwgin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell, jew jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jghaddi z-zmien imholli ghal appell u tibqa' tghodd ukoll jekk il-kawza ta' firda ma tkomplix.
4. Qabel tordna l-waqfien tal-komujoni kif provdut f' dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.
5. L-ordni tal-waqfien taht dal-artikolu ghandha a spejjez tal-parti li tkun tablet ghall-waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u din l-ordni ghadu jkollha efett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjonita' residwu taht amministrazzjoni separata sar b' att pubbliku.
6. Sakemm il-Qorti id-diskrezjoni taghha, fuq it-talba ta' wahda mill-partijiet ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' reisdwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawza ta' firda. Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-

komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispicca mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluziva.

7. Il-Qorti tista' izda meta fil-fehma taghha c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasamx qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.
8. Kull ordni moghtija mill-Qorti skont is-sub artikolu 7 jista', ghal raguni tajba, jinbidel, jew ikun revokat mill-Qorti.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan hu rikors fejn qed jintalab ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin. It-talba saret mill-attrici rikorrenti, izda hija opposta mill-konvenut intimat, u ghalhekk il-Qorti trid tara jekk, fil-kaz li tintlaqa' din it-talba, hjijiex ser tohloq pregudizzju lill-konvenut. Il-prova ghalhekk tispetta lill-istess konvenut juri lill-Qorti li bix-xoljiment tal-komunjoni, ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat. Mill-provi prodotti mill-partijiet, dan bl-ebda mod ma rrizulta. Ix-xhieda u d-dokument prodotti kienu jikkoncernaw aktar is-suspett tal-istess konvenut li martu setghet kellha xi flus jew investimenti mohbija, izda ma rrizulta xejn minn dan. Madankollu, anke jekk, ghas-sahha tal-argument, gew zvelati xi kontijiet bankarji mohbija, jekk dawn saru waqt li l-komunjoni kienet ghadha fis-sehh, dawk jibqghu divizibbli bejn il-partijiet. Ix-xoljiment ghandha effett biss mid-data li din tidhol fis-sehh, u mhux qabel. Ghalhekk, anke jekk wara li tinghata din is-sentenza ta' xoljiment, jigi skopert li kien hemm dawn il-flejjes mohbija, jekk dawn gew imwettqa waqt li l-komunjoni kienet ghadha vigenti, allura jibqa' d-dritt ta' spartizzjoni fuqhom. Kif gia' qalet il-Qorti, minn dan ma rrizulta xejn, u – fl-eventwalita' li dan ghad jirrizulta fil-futur – il-konvenut b'daqshekk mhu ser isofri ebda pregudizzju, aktar u aktar pregudizzju mhux proporzjonat. Di fatti l-istess konvenut fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur tal-attrici, espressament jghid li "in principju l-intimat m' ghandux oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, izda ma jidhirlux illi l-waqfien ghandu jsir qabel ma jigu dikjarati u kkonfermati l-assi kollha tal-partijiet u dan sabiex hadd ma jsoffri pregudizzju."

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f' dal-istadju tal-kawza ma hu ser jirreka l-beda pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess partijiet, u ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonsidra t-talba gustifikata.

**DECIDE**

Ghal dal-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talba fuq imsemmija maghmula mill-attirici u tilqa' t-talbiet attrici:

Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b' effett mill-jum li fih din is-sentenza ssir rez-gudicata. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, a spejjez taz-zewg partijiet f' sehem indaqs bejniethom.

L-ispejjez ta' dis-sentenza in parte jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**